MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 30/2007

**Raymond Aquilina**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u Albert Balzan**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat minn Raymond Aquilina fis-6 ta' Frar 2007 permezz ta' liema jitlob li il-Kummissarju tal-Pulizija u Albert Balzan jigu kkundannati solidalment bejniethom jew min minnhom, prevja dikjarazzjoni opportuna li huma responsabbli ghad-danni sofferti minnu minhabba l-ingann u l-agir frawdolenti ta' Albert Balzan u minhabba n-negligenza u traskuragni tal-Kummissarju tal-Pulizija, ihallsuh is-somma ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltija (Lm3,500) – illum ekwivalenti ghal €8,152.81 – rapprezentanti d-danni minnu sofferti stante li hu u Albert Balzan kienu involuti f'incident awtomobilistiku fit-8 ta' Settembru 1999 fi Triq Dr. Nikola Zammit, Siggiewi, f'liema incident il-vettura tieghu tat-tip Fiat Uno bin-Numru

ta’ Registrazzjoni EAQ-578 garrbet hsarat estensivi tort unikament ta’ Albert Balzan li kien qieghed isuq vettura tat-tip Peugeot bin-Numru ta’ Registrazzjoni JAP-213;

Rat id-dokument anness ma’ l-Avviz markat Dok. “A” a fol. 3 sa’ 6 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta’ liema jopponi ghat-talba ta’ l-attur u jitlob l-istess tigi michuda stante li: (i) in linea preliminari l-attur ghandu jindika a bazi ta’ liema Artikolu fil-Ligi qed jivvanta l-pretensjonijiet tieghu kontrih; (ii) in linea preliminari wkoll, in-nuqqas ta’ locus standi ta’ l-attur sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna stante li ma jirrizultax li huwa kellu incident awtomobilistiku ma’ Albert Balzan fit-8 ta’ Settembru 1999; (iii) in linea preliminari fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna hija preskritta fil-konfront tieghu; (iv) fil-mertu t-talbiet ta’ l-attur huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt; u (v) huwa ma ghandux ibghati l-ispejjez;

Rat ir-Risposta tal-konvenut Albert Balzan permezz ta’ liema jopponi ghat-talba attrici ghaliex: (i) ma hemm l-ebda rabta guridika bejnu u l-attur; (ii) mhux minnu li l-kawza bin-Numru 2602/99GCD tinsab abbadunata izda ghadha vigenti u *sub judice*; u (iii) it-talba ghall-kundanna tad-danni ghandha tigi michuda;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet “Albert Balzan v. Aaron Aquilina” Citaz. Nru. 2602/99GCD esebiti fl-atti ta’ din il-kawza permezz ta' Nota pprezentata mill-Assistent Registratur, Qrati Civili u Tribunali;

Rat in-Nota pprezentata mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-10 ta’ Marzu 2009 a fol. 68 tal-process li fiha indika li l-preskrizzjoni eccepita kontra l-azzjoni attrici hija dik kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-attur permezz ta’ Nota pprezentata fl-1 ta’ April 2009 b’referenza ghall-kawza fl-ismijiet “Albert Balzan v. Aaron Aquilina” Citaz. Nru. 2602/99GCD a fol. 69 sa’ 72 tal-process;

Rat l-affidavit ta' l-attur markat Dok. "RA" a fol. 82 u 83 tal-process u rat id-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA6" a fol. 84 sa' 89 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' April 2011[1] u ta' l-10 ta' Jannar 2012[2], ix-xhieda ta' Aaron Aquilina moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011[3] u x-xhieda ta' Mario Mifsud moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2012[4];

Rat il-Kapitolu pprezentat mill-attur fil-konfront tal-konvenut Albert Balzan fil-21 ta' Frar 2012[5];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-Kummissarju tal-Pulizija u Albert Balzan jigu dikjarati responsabbli ghad-danni minnu sofferti b'konsegwenza ta' l-ingann u agir frawdolenti da parte tal-konvenut Balzan u tan-negligenza u traskuragni da parte tal-Kummissarju tal-Pulizija, stante li rrizulta li fiz-zmien ta' l-incident li sehh fit-8 ta' Settembru 1999 fi Triq Dr. Nikola Zammit, Siggiewi, bejn il-vettura tat-tip Fiat Uno bin-Numru ta' Registrazzjoni EAQ-578 di proprjetà tieghu u l-vettura tat-tip Peugeot bin-Numru ta' Registrazzjoni JAP-213 misjuqa mill-konvenut Albert Balzan, l-istess Albert Balzan ma kienx debitament kopert bil-polza ta' assikurazzjoni, u konsegwentement, solidalment jew min minnhom, il-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' Lm3,500, illum ekwivalenti ghal €8,152.81, rapprezentanti danni sofferti minnu b'konsegwenza ta' l-imsemmi accident li fih il-vettura proprjetà tieghu garrbet hsarat estensivi b'tort esklussiv tal-konvenut Albert Balzan.

1 Fol. 99 u 100 tal-process.
2 Fol. 109 u 110 tal-process.
3 Fol. 104 u 106 tal-process.
4 Fol. 114 sa' 116 tal-process.
5 Fol. 112 tal-process.

In risposta ghat-talba attrici l-Kummissarju tal-Pulizija jeccepixxi li: (i) fl-ewwel lok l-attur ghandu jiddikjara a bazi ta' liema Artikolu tal-Ligi qed jivvanta l-pretensjonijiet tieghu kontrih; (ii) in-nuqqas ta' locus standi ta' l-attur sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna stante li ma jirrizultax li huwa kellu incident awtomobilistiku ma' Albert Balzan f'Settembru ta' l-1999; (iii) l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u li fil-mertu (iv) it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt; u (v) konsegwentement ghandha tigi michuda u l-Kummissarju tal-Pulizija ma jbaghti ebda spejjez. Da parte tieghu l-konvenut Albert Balzan jeccepixxi li: (i) ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnu u l-attur; (ii) mhux minnu li l-kawza bic-Citazzjoni Numru 2602/99GCD giet abbandunata izda ghadha vigenti u *sub judice*; u li (iii) it-talba ghad-danni ghandha tigi michuda.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel eccezzjoni jew ahjar l-ewwel zewg eccezzjonijiet li ghandhom jigu kkunsidrati huma it-tieni eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Balzan fejn entrambe jikkontestaw il-*locus standi* ta' l-attur fil-proceduri minnu istitwiti fil-konfront taghhom. In effetti l-Kummissarju tal-Pulizija jikkontendi li l-attur ma ghandux *locus standi* biex jistitwixxi l-proceduri odjerni fil-konfront tieghu ghaliex f'Settembru 1999 hu (ossia l-attur) ma kienx involut f'incident tat-traffiku ma' Balzan u l-konvenut Balzan jikkontendi li ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur.

Ma hemmx dubju li dawn iz-zewg eccezzjonijiet gew sollevati minn kull wiehed miz-zewg konvenuti ghaliex fl-Avviz promotur l-attur ippremetta li: (a) **hu** u l-konvenut Albert Balzan kienu involuti f'incident awtomobilistiku fit-8 ta' Settembru 1999 fi Triq Dr. Nikola Zammit, Siggiewi, f'liema incident il-vettura tieghu tat-tip Fiat Uno bin-Numru ta' Registrazzjoni EAQ-578 garrbet hsarat estensivi tort unikament tal-konvenut Balzan, li kien qed isuq il-vettura tat-tip Peugeot bin-Numru ta' Registrazzjoni JAP-213; (ii) il-Kummissarju tal-Pulizija ha azzjoni kriminali fil-konfront **tieghu** u tal-konvenut Albert Balzan ghal sewqan

traskurat u bla kont fejn **hu** gie liberat filwaqt li l-konvenut Balzan gie kkundannat; u li (iii) il-proceduri istitwiti mill-konvenut Albert Balzan quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili gew istiwtiti kontra **tieghu**, mentri in realtà jirrizulta li s-sewwieqa involuti fl-incident imsemmi kienu **Aaron Aquilina, bin l-attur**, u l-konvenut Albert Balzan[6] u l-proceduri istitwiti minn Balzan quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet “Albert Balzan v. Aaron Aquilina” Citaz. Nru. 2602/99GCD gew istitwiti **kontra iben l-attur** u mhux kontra l-istess attur[7].

Nonostante din id-divergenza bejn dak premess mill-attur fl-Avviz u dak li rrizulta mill-provi prodotti l-Qorti ma tqisx li ghandha tilqa’ it-tieni eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Balzan ghaliex fl-ahhar mill-ahhar jirrizulta li l-attur huwa l-**proprjetarju** tal-vettura tat-tip Fiat Uno bin-Numru ta’ Registrazzjoni EAQ-578 involuta fl-imsemmi incident u l-azzjoni odjerna hija intiza ghall-hlas ta’ danni **minnu sofferti**, ghall-inqas in kwantu rigwarda l-ammont ta’ Lm2,100, illum ekwivalenti ghal €4,891.68, li jirrapprezenta *the insured’s estimated motor vehicle value including accessories and spare parts*[8], b’konsegwenza ta’ l-allegat ingann u agir frawdolenti da parte tal-konvenut Balzan u ta’ l-allegata negligenza u traskuragni tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront tieghu *qua* proprjetarju tal-vettura imsemmija. Ma hemmx dubju li fic-cirkostanzi tal-kaz kif premessi mill-attur huwa ghandu interess guridiku reali, u kwindi d-debitu *locus standi* f’dawn il-proceduri kemm fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll fil-konfront tal-konvenut Albert Balzan. Naturalment il-*locus standi* biss ma jwassalx b'mof awtomatiku ghas-success ta' l-azzjoni odjerna ghaliex l-attur xorta wahda ghandu jipprova b' mod sodisfacenti l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront ta' kull wiehed miz-zewg konvenuti, kwistjoni din li se tigi trattata iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

---

6 Vide okkorrenza tal-Pulizija, Dok. “A” a fol. 3 sa’ 6 tal-process.
7 Kopja ta’ l-atti esebita mill-Assistent Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali permezz ta’ Nota pprezentata fit-12 ta’ Settembru 2007.
8 Vide affidavit ta’ l-attur Dok. “RA” a fol. 82 u 83 tal-process.

Apparte minn dan appena osservat hemm raguni ohra ghalfejn fil-fehma tal-Qorti minkejja id-divergenza bejn dak premess mill-attur fl-Avviz u dak li rrizulta mill-provi prodotti t-tieni eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Albert Balzan ma ghandhomx jigu milqugha. Tali raguni titnissel mill-principju li jirregola l-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri f'cirkostanzi fejn mill-provi prodotti lill-Qorti jirrizultalha jedd iehor ta' l-attur li ma jidholx sewwa sew fil-premessi attrici kif esposti fl-att promotur, u cioè il-principju li *jinsab provdut fl-Artikolu 214 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili illi "fl-ewwel grad, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi pruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ipprovat, fuq l-istess citazzjoni." Dan hu hekk logiku gjaladarba a kuntrarju ta' dak li nsibu fl-Artikolu 156 tal-Kap.12 riferibilment ghac-citazzjoni, li di solitu hi rizervata ghal proceduri fil-qrati superjuri, fil-kaz tal-qrati l-ohra fuq imsemmija fil-kompetenza taghhom inferjuri c-citazzjoni ossija l-avviz* (illum Rikors) *jibbasta li jikkontjeni fih oltre l-firma tar-Registratur, "l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher" (Art. 171(1) tal-Kap.12). Minn dawn id-disposizzjonijiet huwa bil-wisq evidenti illi "il-qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz"*[9] u dana partikolarment meta *jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorriex f'nullità. Dan in omagg ghal dak il-hsieb ispiratur, traccjat f'bosta decizjonijiet, li jevita kemm jista' jkun il-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoragixxi l-formalizu rigidu li "si attaccava con troppa severità e poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell'amministrazione della giustizia in generale". U allura kien sostnut "nulla osta che dietro le prove da farsi si dichiari il vero carattere dei rapporti guridici dei contendenti derivanti dai fatti ossia delle operazioni tra*

---

[9] Anthony Farrugia v. Anthony Vella, Appell Civili Nru. 860/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2002.

*loro seguite, nello scopo di provvedere perche restino liquidati, se il caso cosi esigesse per la retta amministrazione della giustizia"*[10].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, it-tieni eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Albert Balzan ghandhom jigu michuda.

Trattati dawn iz-zewg eccezzjonijiet jehtieg issa tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija. In verità l-konsiderazzjonijiet relattivi ghal din l-eccezzjoni partikolari jindirizzaw ukoll l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija, ossia li l-attur ghandu jindika fuq liema Artikolu tal-Ligi qed jivvanta pretensjonijiet kontra tieghu, u t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut Albert Balzan, ossia li mhux minnu li l-kawza bic-Citazzjoni Nru. 2602/99GCD fl-ismijiet "Albert Balzan v. Aaron Aquilina" tinsab abbandunata izda ghada vigenti u *sub judice*. Fid-dawl ta' dan ghalhekk, flimkien ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija l-Qorti se tittratta wkoll dawn iz-zewg eccezzjonijiet ukoll.

Mill-Avviz promotur u mill-import tal-provi prodotti mill-attur jirrizulta ferm car li l-kawzali fuq liema huwa jibbaza t-talba ghad-danni fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija hija l-allegata negligenza u traskuragni ta' dan ta' l-ahhar fil-qadi tad-dmirijiet tieghu fil-kuntest ta' l-investigazzjoni dwar l-incident li sehh fit-8 ta' Settembru 1999 fi Triq Dr. Nikola Zammit, Siggiewi, bejn il-vettura tat-tip Fiat Uno bin-Numru ta' Registrazzjoni EAQ-578 u l-vettura Peugeot 405 bin-Numru ta' Registrazzjoni JAP-213. Kemm fl-Avviz kif ukoll fl-affidavit[11] tieghu l-attur jiddikjara li *fil-kors tal-kawza* [il-kawza fl-ismijiet "Albert Balzan v. Aaron Aquilina" Citaz. Nru. 2602/99GCD] *jiena skoprejt li l-vettura in kwistjoni qatt ma kienet assikurata fuq isem Albert Balzan izda kienet assikurata fuq isem missieru*

[10] Design Elements Limited v. Michael P. Camilleri, Appell Civili Nru. 2399/97 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2004.
[11] Dok. "RA" a fol. 82 u 83 tal-process.

*biss u dan minkejja li l-proceduri legali kienu istitwiti mill-intimat f'ismu proprju bhal li kieku kien koperat bil-polza ta' assigurazzjoni. Illi tant hu hekk illi fuq l-okkorrenza ta' l-incident in kwistjoni (Dok. A) ma kienx gie indikat li l-intimat ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Di più, il-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li ha azzjoni kriminali fil-konfront taz-zewg sewwieqa ghal sewqan traskurat u bla kont, mil-liema proceduri ibni Aaron Aquilina kien gie lliberat u l-intimat Albert Balzan ikkundannat, ghal xi raguni jew ohra l-istess Kummissarju tal-Pulizija naqas li jiehu azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-intimat Albert Balzan talli saq minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni biex b'hekk komplejt nisfa ingannat.*

In risposta ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija jigi ghalhekk osservat li fid-dawl ta' dak dikjarat mill-attur fl-Avviz u fl-affidavit tieghu jirrizulta car li l-Artikolu tal-Ligi fuq liema l-istess attur jibbaza t-talba tieghu fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-Artikolu 1033 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk*. Ladarba l-azzjoni attrici fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija hija bbazata fuq disposizzjoni tal-Ligi li taqa' taht l-istitut tad-delitti jew kwazi delitti, jsegwi li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa ta' dak ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – *l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn*, li hu appuntu l-artikolu tal-Ligi invokat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Stabbilit li t-terminu ta' preskrizzjoni invokat mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa t-terminu applikabbli fil-kaz in ezami, jehtieg issa jigi determinat minn meta beda jiddekorri tali terminu u jekk sad-data tan-notifika ta' l-Avviz promotur lill-Kummissarju tal-Pulizija t-terminu preskrittiv kienx lahaq iddekorra minghajr ma gie b'xi mod debitament interrott mill-attur.

Ai termini ta' l-Artikolu 2137 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*. Fir-rigward tad-dekorrenza tat-terminu tal-preskrizzjoni estintiva huwa principju assodat li *"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui è nato il diritto o l'azione che è detinata ad estinguere…". Izjed 'il quddiem izidu jghidu* [l-awturi Baudray Lacantinerie u Tissier] *illi "La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell' evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale. Illi gie stabilit ukoll li, ghall-finijiet ta' l-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda jiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li, certament, in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni tajba biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel*[12].

Mill-provi prodotti jirrizulta li inizjalment, u zgur mhux fiz-zmien meta sehh l-incident tat-traffiku fit-8 ta' Settembru 1999, l-attur ma setax ikun jaf li Albert Balzan ma kienx debitament kopert bil-polza ta' assikurazzjoni u dan ghar-raguni li: (a) mill-okkorrenza tal-Pulizija jirrizulta li l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni JAP-213 kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni[13]; u (ii) sat-22 ta' Ottubru 1999 l-assikurazzjoni ta' Joseph Balzan, missier il-konvenut Albert Balzan u proprjetarju tal-vettura tat-tip Peugeot bin-Numru ta' Registrazzjoni JAP-213, kienet qeghda f'diskussjonijiet ma' l-assikurazzjoni ta' l-attur dwar l-ispartizzjoni tar-responsabilità ghall-incident[14]. B'hekk fil-fehma tal-Qorti l-jedd ta' attur li jipprocedi kontra l-Kummissarju tal-Pulizija ghall-allegata negligenza u traskuragni tieghu fir-rigward ta' l-investigazzjoni ta' l-imsemmi incident skatta biss minn dakinhar li l-attur sar jaf li fiz-zmien ta' l-incident Albert Balzan ma kienx debitament kopert bil-polza ta' assikurazzjoni.

12 John Bugeja v. Joseph Gauci, Citaz. Nru. 1603/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2002.
13 Dok. "A" a fol. 3 sa' 6 tal-process.
14 Dok. "RA5" a fol. 88 tal-process.

Konsegwentement ghalhekk it-terminu preskrittiv ta' sentejn beda jiddekorri minn dak l-istess zmien, ossia minn meta l-attur sar jaf li fiz-zmien ta' l-incident Albert Balzan ma kienx debitament kopert bil-polza ta' assikurazzjoni.

Mix-xhieda ta' Aaron Aquilina, iben l-attur, jidher li kien huwa l-ewwel li sar li Albert Balzan ma kienx debitament kopert bil-polza ta' assikurazzjoni u dana fi zmien wara li l-proceduri kriminali kienu intemmu u li l-proceduri fl-ismijiet "Albert Balzan v. Aaron Aquilina" Citaz. Nru. 2602/99GCD marru *sine die*. Waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011[15] Aaron Aquilina xehed illi *qed nigi mistoqsi meta jiena sirt naf illi Albert Balzan ma kienx kopert bl-assikurazzjoni nghid li dan sirt nafu wara l-proceduri Kriminali, wara li kienu nghalqu. Albert Balzan fil-fatt kien fetah proceduri Civili fil-konfront tieghi li in segwitu kienu marru sine die. Jiena b'hekk kont mort l-assikurazzjoni biex naghmel claim u nithallas u minn hemmhekk irrizultali li Albert Balzan ma kellux kopertura ta' assikurazzjoni*.

Mid-dokumenti esebiti mill-attur a fol. 70 sa' 72 tal-process jirrizulta li l-kawza fl-ismijiet "Albert Balzan v. Aaron Aquilina" Citaz. Nru. 2602/99GCD marret *sine die* darbtejn: darba fit-13 ta' Mejju 2003 u darb' ohra fis-6 ta' Dicembru 2005. Mill-provi prodotti, inkluz mix-xhieda ta' Aaron Aquilina, ma jirrizultax f'liema minn dawn iz-zewg dati Aquilina seta' mar ghand l-assikurazzjoni ta' Joseph Balzan biex jaghmel il-*claim* u b'hekk seta' sar jaf li Albert Balzan ma kienx debitament kopert bil-polza ta' assikurazzjoni. Din il-prova partikolari hija ferm importanti peress illi kull wahda miz-zewg dati imsemmija taghti risposta differenti fil-kuntest ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija. Fid-dawl ta' tali dubju jew ahjar nuqqas ta' prova dwar meta Aaron Aquilina u b'hekk missieru l-attur setghu saru jafu li fiz-zmien ta' l-incident Albert Balzan ma kienx debitament kopert bil-polza ta' assikurazzjoni, il-Qorti hija fl-impossibilità li tistabilixxi d-data effettiva minn meta beda jiddekorri t-terminu preskrittiv ta' sentejn invokat mill-

[15] Fol. 104 u 105 tal-process.

Kummissarju tal-Pulizija u konsegwentement ghalhekk ghandha tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu.

Din il-konsiderazzjoni ssib konferma f'dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **John Bugeja v. Joseph Gauci, Citaz. Nru. 1603/01** deciza fit-28 ta' Novembru 2002, fejn inghad li *ghall-finijiet ta' l-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda jiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li certament in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni tajba biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel.* ***Illi marbut ma' dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull kaz trid tistharreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tichad l-eccezzjoni***[16]**.**

Mill-istess dokumenti esebiti mill-attur a fol. 70 sa' 72 tal-process jirrizulta li b'Digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Frar 2009 il-kawza fl-ismijiet "Albert Balzan v. Aaron Aquilina" Citaz. Nru. 2602/99GCD tqieghdet fuq il-lista tal-kawzi li jmorru dezerti skont l-Artikolu 963 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi *sa' llum l-attur* [ossia Albert Balzan] *ghadu ma mexiex kif iridu dawk id-dikrieti* [verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2005 u d-Digrieti ta' l-10 ta' Jannar 2006 u tal-31 ta' Ottubru 2008] *u ma wriex interess fil-kawza*. B'hekk kuntrarjament ghal dak eccepit mill-konvenut Albert Balzan bit-tieni eccezzjoni tieghu, jirrizulta li l-kawza fl-ismijiet "Albert Balzan v. Aaron Aquilina" Citaz. Nru. 2602/99GCD ma ghadhiex *sub judice* izda marret dezerta minhabba n-nuqqas ta' interess da parte tieghu fl-istess imsemmija kawza.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li: (i) in risposta ghall-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-azzjoni attrici fil-konfront tieghu hija bbazata fuq l-Artikolu 1033 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) li t-tielet

---

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.

eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija, ossia l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda; u (iii) it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut Albert Balzan ghandha tigi michuda wkoll.

Trattat dan kollu jifdal issa li jigu trattati l-eccezzjonijiet fil-meritu sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-konvenut Albert Balzan, ossia r-raba' u hames eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn jeccepixxi li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u b'hekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur, u li fi kwalunkwe kaz huwa ma ghandux ibati spejjez, u t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut Albert Balzan fejn jeccepixxi li t-talba ghall-kundanna tad-danni ghandha tigi michuda.

Kif già iktar 'l fuq osservat il-premessa centrali fuq liema l-attur jibbaza l-proceduri odjerni kemm fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll fil-konfront tal-konvenut Albert Balzan hija li fiz-zmien ta' l-incident tat-traffiku li sehh fi Triq Dr. Nikola Zammit, Siggiewi, bejn il-vettura tat-tip Fiat Uno bin-Numru ta' Registrazzjoni EAQ-578 u l-vettura tat-tip Peugoet bin-Numru ta' Registrazzjoni JAP-213, Albert Balzan, is-sewwieq tal-Peugeot, ma kienx debitament kopert bil-polza ta' assikurazzjoni, fatt dan li skontu b'ingann u bi frodi gie mistur minn Albert Balzan u li b'negligenza u traskuragni l-Kummissarju tal-Pulizija naqas milli jiskopri. Fid-dawl tal-principju enuncjat fl-Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li *l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah,* ma hemmx dubju li l-ewwel qabel kollox l-attur ghandu jipprova b'mod sodisfacenti li fiz-zmien meta sehh l-incident imsemmi Albert Balzan bhala fatt ma kienx debitament kopert bil-polza ta' asskurazzjoni. Jekk tali prova ma ssirx l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Fir-rigward tal-premessa centrali fuq liema jibbaza l-azzjoni odjerna l-attur xehed illi *ibni Aaron u l-intimat Albert Balzan kienu involuti f'incident awtomobilistiku fit-8 ta' Settembru 1999 fi Triq Dr. Nikola Zammit, Siggiewi, f'liema incident il-vettura tieghi garrbet hsarat estensivi tort unikament ta' l-intimat Balzan li kien qieghed isuq vettura*

*Peugeot numru ta' registrazzjoni JAP 213. Fil-fatt il-vettura tieghi spiccat total loss. Illi konsegwentement kienu intavolati proceduri legali fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili dwar dan l-incident mill-intimat Albert Balzan f'ismu proprju kontra ibni Aaron (Citazzjoni Numru 2602/99/RCP) u rrizervajt azzjoni kuntrarja pendenti l-ezitu tal-procedura inizzjata mill-intimat Balzan billi kien taht l-imprezjoni li kienet l-vettura ta' Albert Balzan, li kienet proprjetà ta' missieru Joseph Balzan, kienet koperta regolarment b'polza ta' assigurazzjoni li kienet tkopri lill-intimat Albert Balzan personlament ukoll. Tant hu hekk li minflok fetah il-kawza Joseph Balzan fetah il-kawza ibnu Albert Balzan li ma kienx sid il-vettura. Fil-fatt sid il-vettura kien missieru. Illi fil-kors tal-kawza jiena skoprejt li l-vettura in kwistjoni qatt ma kienet assikurata f'isem Albert Balzan izda kienet assikurata fuq isem missieru biss u dan minkejja li l-proceduri legali kienu istitwiti mill-intimat f'ismu proprju bhal li kieku kien kopert bil-polza ta' assigurazzjoni. … Illi l-proceduri legali suriferiti inizzjati mill-intimat gew konvenjentement abbundanti mill-intimat u marru sine die izda in vista ta' l-ingann u l-frodi ipprattikati mill-intimat Albert Balzan, li ma kienx tassew kopert b'polza ta' assigurazzjoni, jiena ma stajtx nikklejmja mid-ditta assikurattrici ta' missier l-intimat li wkoll irrifjutat li tikkumpensani billi l-intimat ma kienx assigurat maghha[17].*

In sostenn ta' dak minnu affermat l-attur ressaq bhala xhud lil ibnu Aaron Aquilina li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011[18] iddikjara *jiena nigi t-tifel ta' l-attur Raymond Aquilina. Niftakar li xi zmien ilu kont involut f'incident tat-traffiku ma' Albert Balzan. Kienu ttiehdu proceduri Kriminali fil-konfront tieghi kif ukoll ta' Balzan. Jiena kont gejt illiberat kif ukoll Balzan kien instab hati ta' l-incident. Jiena ma niftakarx b'liema reati kont gejt akkuzat izda Balzan kien gie akkuzat b'sewqan perikoluz. Nerga' nikkonferma li Albert Balzan kien gie akkuzat b'sewqan traskurat. Jiena ma nafx jekk Albert Balzan kienx assikurat jew le. Sussegwentement però kien irrizultali illi Albert Balzan ma kienx assikurat. Ghalkemm irrizulta li Albert Balzan ma kienx akkuzat bl-akkuza li kien*

---

[17] Affidavit ta' l-attur, Dok. "RA" a fol. 82 u 83 tal-process.
[18] Fol. 104 tal-process.

*qed isuq vettura mhux koperta b'assikurazzjoni, nghid li l-Pulizija ma kienux ressquh taht din l-akkuza wkoll.* U in kontro-ezami kompla jghid *qed nigi mistoqsi meta jiena sirt naf illi Albert Balzan ma kienx kopert bl-assikurazzjoni nghid li dan sirt nafu wara l-proceduri Kriminali, wara li kienu nghalqu. Albert Balzan fil-fatt kien fetah proceduri Civili fil-konfront tieghi li in segwitu kienu marru sine die. Jiena b'hekk kont mort l-assikurazzjoni biex naghmel claim u nithallas u minn hemmhekk irrizultali li Albert Balzan ma kellux kopertura ta' assikurazzjoni.*

Nonostante dak dikjarat mill-attur u x-xhieda ta' Aaron Aquilina l-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta li l-attur irnexxielu jipprova l-allegazzjoni partikolari li fiz-zmien ta' l-incident imsemmi Albert Balzan ma kienx debitament kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Kemm mill-okkorrenza tal-Pulizija[19] kif ukoll mid-dokument Dok. "RA5" a fol. 86 tal-process esebit mill-attur u li hija fax minghand Altas Insurance Agency Limited, l-assikurazzjoni ta' Joseph Balzan, lil Untours Insurance Agents Ltd., l-assikurazzjoni ta' l-attur, datata 22 ta' Ottubru 1999, jirrizulta li fiz-zmien ta' l-incident il-vettura misjuqa minn Albert Balzan kienet debitament koperta b'polza ta' assikurazzjoni f'isem il-proprjetarju tal-vettura Joseph Balzan, fatt dan rikonoxxut mill-istess attur fl-affidavit tieghu, izda minn imkien ma jirrizulta b'mod car u inekwivoku li Albert Balzan ma kienx kopert b'dik il-polza. Anzi bhala fatt il-kontenut tal-fax datata 22 ta' Ottubru 1999, fejn l-assikurazzjoni ta' Joseph Balzan kienet qed tipproponi *settlement* fis-sens li r-responsabilità ghall-incident tinqasam *80:20 in favour of our insured Mr. Joseph Balzan,* jikkontradici dak affermat mill-attur u cioè li l-assikurazzjoni ta' Balzan ma riditx thallas lill-attur ghaliex Albert Balzan ma kienx kopert bil-polza. Huwa veru li l-assikurazzjoni ta' Balzan ma kenitx qed taccetta r-responsabilità assoluta ghall-incident, izda dan zgur ma jfissirx li ma kenitx qed taccetta tali responsabilità ghaliex Albert Balzan ma kienx kopert bil-polza mahruga f'isem missieru Joseph Balzan.

---

[19] Dok. "A" a fol. 3 sa' 7 tal-process.

Bla dubju ta' xejn l-ahjar prova dwar l-allegazzjoni partikolari avvanzata mill-attur kienet tkun ix-xhieda ta' rapprezentant ta' l-assikurazzjoni ta' Joseph Balzan fejn jispjega x'tip ta' kopertura kellha l-vettura ta' Balzan fiz-zmien ta' l-incident, jekk Albert Balzan kienx kopert b'dik il-polza u r-raguni ghalfejn bhala assikurazzjoni ta' Balzan ma hallsitx il-*claim* ta' l-attur. Izda, ghal xi raguni tali prova hekk evidentement mehtiega ma saritx. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-attur ma rnexxilux jipprova l-allegazzjoni centrali tieghu fuq liema jibni u jibbaza l-azzjoni attrici fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-konvenut Albert Balzan u konsegwentement ghalhekk lanqas jista' jipprova l-allegat ingann u agir frawdolenti da parte tal-konvenut Balzan u l-allegata negligenza u traskuragni da parte tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ladarba tali prova ma saritx necessarjament japplika l-principju li *f'kaz li l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta*, u dana b'applikazzjoni tal-principju *actore non probante reus absolvitur*[20].

Jigi osservat ukoll li ghalkemm il-konvenut Albert Balzan naqas milli jidher biex jirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront tieghu mill-attur waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2012, tali fatt wahdu ma jistax u ma ghandux fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz iwassal lill-Qorti biex tilqa' t-talba attrici fil-konfront ta' l-istess imsemmi konvenut. Huwa principju assodat in materja li *filwaqt li hu veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom ma jkunx iggustifika l-kontumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni … hija semplici mezz ta' prova u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza b'mod illi jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza u il-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta*

[20] Hans Jochim Link et v. Raymond Mercieca, Appell Civili Nru. 2101/98 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2001.

*derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra*[21].

Minn dan il-principju johrog car li ghalkemm il-Kapitoli huma mezz ta’ prova, huma biss wiehed mill-mezzi li ghandha tqis il-Qorti u l-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq il-Kapitolu, anke meta meqjus bhala mistqarra, meta hemm xhieda ohra li turi li dak li jinghad fil-kapitolu ma hux minnu. Il-Qorti tirribadixxi li fil-kaz in ezami apparte l-fatt li mill-provi jirrizulta li l-vettura misjuqa minn Albert Balzan kienet debitament koperta b'polza ta' assikurazzjoni fiz-zmien ta' l-incident, ma jirrizultax li l-asskurazzjoni ta' Joseph Balzan rrifjutat li thallas lill-attur ghaliex Albert Balzan ma kienx hekk kopert bil-polza, anzi riedet thallas parti mill-*claim* u il-kwistjoni li kellhom bejniethom kienet wahda rigwardanti l-ispartizzjoni tar-responsabilità ghall-incident bejn izzewg sewwieqa, ossia Aaron Aquilina u Albert Balzan. B'hekk il-provi prodotti kjarament juru li dak li jirrizulta mill-Kapitolu mistqarr (ghaliex il-konvenut Balzan ma deherx biex jirrispondi ghalih) ipprezentat kontra il-konvenut Balzan ma huwiex minnu u konsegwentement il-Qorti ma ghandhiex taccettah bhala prova favur il-pretensjonijiet attrici.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tqis li ghandha tilqa’ ir-raba’ u hames eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija u t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut Albert Balzan u konsegwentement tichad it-talba attrici kif dedotta fil-konfront taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:

1. Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija;
2. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni sollevati mill-konvenut Albert Balzan;

[21] Bank of Valletta p.l.c. v. Joseph Balzan et, Citaz. Nru. 84/02 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Gunju 2003. Vide wkoll John Busuttil v. Johannes Huy et, Citaz. Nru. 925/99 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Mejju 2003.

3. Tilqa' ir-raba' u hames eccezzjoni sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. Tilqa' t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut Albert Balzan; u
5. Konsegwentement tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------